**Imbilli ħa tbaqbaqni?**

Imbilli ħa tbaqbaqni
Tilgħabha tal-muskettier,
Imbilli se tilgħabni
U mbagħad tgħidli li int missier?

Imbilli li fettillek
Waħħaltha f'moħħok li int,
Wasalt għal xi qdusija
Meta qatt ma iċċekkint?

Iddaħħaknix id-daħka
Ta' min jara l-kuntrarju,
Idħol nitolbok issa
F'Missierna l-orarju.

Li meta għandu mmoru
Mhux jurina ċ-ċontorin,
Imma għalina jiftaħ
Qalbu kbira taċ-ċkejknin.

Għax Missierna jaf jiżen
U ma jaf ixaqqleb lejn ħadd,
Lill-imbegħda iġibhom
Quddiem nett ħa jarahom kulħadd.

Għax Missierna jaf jisma'
Lill-uliedu miġrugħin,
U għal talbhom iċedi
Mhux tal-oħrajn l-imkabbrin.

Taf x'hemm sabiħ fl-istorja
Li jridna b'wiċċ daħkani,
Għix 'n-naqra li fadallek
Ieqaf, tkomplix tbaqbani!

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Jannar 2021